IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2021
COM(2021) 718 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika

ANNESS

L-Istati Membri għandhom, meta jirratifikaw il-Protokoll, fl-interess tal-Unjoni, jagħmlu r-riżervi, id-dikjarazzjonijiet, in-notifiki jew il-komunikazzjonijiet li ġejjin, u kunsiderazzjonijiet oħra.

1. RIŻERVI

It-Tieni Protokoll Addizzjonali dwar il-kooperazzjoni msaħħa u l-iżvelar ta' evidenza elettronika għall-Konvenzjoni "Budapest" tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità ("il-Protokoll") jippermetti lil Parti, f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 19, tiddikjara li tagħmel użu minn riżerva pprovduta fir-rigward ta' għadd ta' artikoli tal-Protokoll.

L-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jirriżervaw id-dritt li ma japplikawx l-Artikolu 7 (żvelar ta' *data* dwar l-abbonati) bis-saħħa tal-Artikolu 7, il-paragrafu 9, il-punt a.

L-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jirriżervaw id-dritt li ma japplikawx l-Artikolu 7 (żvelar ta' *data* dwar l-abbonati) fir-rigward ta' ċerti tipi ta' numri ta' aċċess skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 9, il-punt b.

L-Istati Membri huma mħeġġa joqogħdu lura milli jirriżervaw id-dritt li ma japplikawx l-Artikolu 8 (li jagħti effett lilordnijiet minn Parti oħra) fir-rigward tad-*data* dwar it-traffiku bis-saħħa tal-Artikolu 8, il-paragrafu 13.

Fejn l-Artikolu 19, il-paragrafu 1, jipprovdi bażi għal riżervi oħra, l-Istati Membri huma awtorizzati jikkunsidraw u jagħmlu r-riżervi tagħhom stess.

2. DIKJARAZZJONIJIET

Il-Protokoll jippermetti wkoll lil Parti, f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 19, li tagħmel dikjarazzjoni fir-rigward ta' għadd ta' artikoli tal-Protokoll.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 2, il-punt (b), li tindika li l-ordnijiet maħruġa lill-provvedituri ta' servizz fit-territorju tagħhom iridu jinħarġu minn, jew taħt is-superviżjoni ta', prosekutur jew awtorità ġudizzjarja oħra, jew inkella jinħarġu taħt superviżjoni indipendenti. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni li ġejja meta jiddepożitaw l-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni:

> *"L-ordni skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 1, trid tinħareġ minn, jew taħt is-superviżjoni ta', prosekutur jew awtorità ġudizzjarja oħra, jew inkella tinħareġ taħt superviżjoni indipendenti."*

L-Istati Membri huma mħeġġa joqogħdu lura milli jiddikjaraw, skont l-Artikolu 9, il-paragrafu 1, il-punt b, li mhumiex se jeżegwixxu talbiet skont l-Artikolu 9, il-paragrafu 1, il-punt a, (żvelar imħaffef ta' *data* tal-kompjuter f'emerġenza) li jfittxu biss l-iżvelar ta' *data* dwar l-abbonati.

Fejn l-Artikolu 19, il-paragrafu 2, jipprovdi bażi għal dikjarazzjonijiet oħra, l-Istati Membri huma awtorizzati jikkunsidraw u jagħmlu d-dikjarazzjonijiet tagħhom stess.

3. DIKJARAZZJONIJIET, NOTIFIKI JEW KOMUNIKAZZJONIJIET

Il-Protokoll jirrikjedi wkoll li Parti, f'konformità mal-Artikolu 19, il-paragrafu 3, tagħmel dikjarazzjonijiet, notifiki jew komunikazzjonijiet fir-rigward ta' għadd ta' artikoli tal-Protokoll.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw li meta tinħareġ ordni skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 1, lil provveditur ta' servizz fit-territorju tagħhom, din teħtieġ notifika simultanja tal-ordni, informazzjoni supplimentari u sommarju tal-fatti relatati mal-investigazzjoni jew proċediment, skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 5, il-punt a. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom, fil-mument tal-iffirmar jew meta jiddepożitaw l-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni tagħhom, jagħmlu n-notifika li ġejja lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa:

> *"Meta tinħareġ ordni skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 1, lil provveditur ta' servizzi fit-territorju ta' [Stat Membru], neħtieġu f'kull każ notifika simultanja tal-ordni, informazzjoni supplimentari u sommarju tal-fatti relatati mal-investigazzjoni jew mal-proċediment".*

Bis-saħħa tal-Artikolu 7, il-paragrafu 5, il-punt e, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità waħda biex tirċievi notifika skont l-Artikolu 7, il-paragrafu 5, il-punt a, u twettaq l-azzjonijiet deskritti fil-paragrafu 5, il-punt b, il-punt c u l-punt d, u jikkomunikaw l-informazzjoni ta' kuntatt ta' dik l-awtorità.

L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw, skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 4, li hija meħtieġa informazzjoni ta' sostenn addizzjonali biex l-ordnijiet skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 1, jingħataw effett. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom, fil-ħin tal-iffirmar jew meta jiddepożitaw l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tagħhom, jagħmlu d-dikjarazzjoni li ġejja:

> *"Hija meħtieġa informazzjoni ta' sostenn addizzjonali biex jingħata effett lill-ordnijiet skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 1. L-informazzjoni ta' sostenn addizzjonali meħtieġa tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi tal-ordni u l-investigazzjoni jew il-proċediment relatat".*

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw u jżommu aġġornata l-informazzjoni ta' kuntatt ta' dawk l-awtoritajiet maħtura skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 10, il-punt a, biex jissottomettu ordni skont l-Artikolu 8, u ta' dawk l-awtoritajiet maħtura, skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 10, il-punt b, biex jirċievu ordni skont l-Artikolu 8. L-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa stabbilita mir-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") għandhom jinkludu lill-UPPE, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu kif previst fl-Artikoli 22, 23 u 25 tar-Regolament (UE) 2017/1939, fost l-awtoritajiet ikkomunikati skont l-Artikolu 8, il-paragrafu 10, il-punt a u l-punt b.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-awtorità jew l-awtoritajiet li għandhom jiġu notifikati skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 7, il-punt c, b'rabta ma' inċident ta' sigurtà.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-awtorità jew l-awtoritajiet biex jipprovdu awtorizzazzjoni għall-fini tal-Artikolu 14, il-paragrafu 10, il-punt b, fir-rigward tat-trasferiment ulterjuri lil Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali ta' *data* riċevuta skont il-Protokoll.

Fejn l-Artikolu 19, il-paragrafu 3, jipprovdi bażi għal dikjarazzjonijiet, notifiki jew komunikazzjonijiet oħra, l-Istati Membri huma awtorizzati li jikkunsidraw u jagħmlu d-dikjarazzjonijiet, in-notifiki jew il-komunikazzjonijiet tagħhom stess.

4. KONSIDERAZZJONIJIET OĦRAJN

L-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa stabbilita mir-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") għandhom jiżguraw li l-UPPE jista', fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu kif previst fl-Artikoli 22, 23 u 25 tar-Regolament (UE) 2017/1939, ifittex kooperazzjoni skont il-Protokoll bl-istess mod bħall-prosekuturi nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jittrasferixxu *data* għall-finijiet tal-Protokoll, il-Parti riċeventi tiġi infurmata li l-qafas legali domestiku tagħhom jeħtieġ li jingħata avviż personali lill-individwu li d-*data* tiegħu hija pprovduta, skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 11, il-punt c, tal-Protokoll.

Fir-rigward tat-trasferimenti internazzjonali abbażi tal-Ftehim Komprensiv bejn l-UE u l-Istati Uniti, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti, għall-finijiet tal-Artikolu 14 il-paragrafu 1, il-punt b, tal-Protokoll, li l-Ftehim japplika għat-trasferimenti reċiproċi ta' *data* personali skont il-Protokoll bejn l-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, l-Istati Membri għandhom iqisu li l-Ftehim għandu jiġi kkomplementat b'salvagwardji addizzjonali li jqisu r-rekwiżiti uniċi tat-trasferiment ta' evidenza elettronika direttament mill-provveditur tas-servizz minflok bejn l-awtoritajiet kif previst skont il-Protokoll. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom, fil-ħin tal-iffirmar jew meta jiddepożitaw l-istrument tagħhom ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni, jagħmlu l-komunikazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti:

> *"Għall-finijiet tal-Artikolu 14, il-paragrafu 1, il-punt b, tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, aħna nqisu li l-Ftehim Komprensiv bejn l-UE u l-Istati Uniti japplika għat-trasferimenti reċiproċi ta' data personali skont il-Protokoll bejn l-awtoritajiet kompetenti. Għal trasferimenti bejn il-provvedituri ta' servizz fit-territorju tagħna u l-awtoritajiet fl-Istati Uniti skont il-Protokoll, il-Ftehim japplika biss flimkien ma' arranġament ta' trasferiment speċifiku ulterjuri li jindirizza r-rekwiżiti uniċi tat-trasferiment ta' evidenza elettronika direttament mill-provvedituri tas-servizz aktar milli bejn l-awtoritajiet".*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-fini tal-Artikolu 14, il-paragrafu 1, il-punt c, tal-Protokoll, huma jiddependu biss fuq ftehimiet jew arranġamenti oħra jekk il-Kummissjoni Ewropea tkun adottat deċiżjoni ta' adegwatezza bis-saħħa tal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* Ġenerali jew l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680 dwar l-Infurzar tal-Liġi għall-pajjiż terz ikkonċernat li jkopri t-trasferimenti tad-*data* rispettivi, jew jekk tali ftehim jew arranġament ieħor jiżgura salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 46 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jew l-Artikolu 37, il-paragrafu 1, il-punt a, tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi.